**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Adam Daniel Debrincat**

Numru: 100/2011

Illum 4 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Adam Daniel Debrincat,** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Peter u Ina nee' Gatt, imwieled Awstralja, nhar il-25 ta' Lulju 1988, residenti fil-fond numru Tar-Rahan Court, Flat 3, Triq Wied ir-Rahan, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 13999M, akkuzat talli nhar il-04 ta' Awwissu 2011, gewwa l-bajja tal-Blue Lagoon, Kemuna, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex meta kien fil-kontroll tad-daghjsa Wieq, Valletta, ghall-habta tal-erbgha ta' waranofsinhar (16:00hrs);

1) Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Judy Camilleri u dan ai termini ta' sezzjoni 226 tal-Kodici Kriminali;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Settembru 2011;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' April 2016 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lill-*parte civile* sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub sal-ahhar ta' Mejju 2016 u lid-Difiza sal-ahhar ta' Lulju 2016.

Rat illi l-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* baqghu ma pprezentawx s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub, minkejja li nghataw il-fakulta' li jaghmlu hekk.

Rat illi d-difiza pprezentat is-sottomissjoni taghha bil-miktub fid-29 ta' Lulju 2016.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-fatti specie tal-kaz**

L-imputat jinsab akkuzat dwar incident li sehh nhar l-4 ta' Awwissu 2011 gewwa l-Bajja tal-Blue Lagoon Kemmuna, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex.

L-incident gara fuq il-bahar. L-imputat jopera l-*water sports* bid-dghajsa tieghu bl-isem ta' WIEQ gewwa Kemmuna . Dawn ir-*rides* jikkonsistu *f'rides* qosra ta' madwar ghaxar minuti fejn il-passiggieri

li jkunu fuq sufan li jkun imqabbad mad-daghjsa jigu mdawra l-barra mill-*blue lagoon.*

Il-pulizija ma marrux fuq il-lok tal-incident. Ir-rapport lill-pulizija sar permezz ta' telefonata. Is-surgent li kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida PS 65 Noel Said kien mar l-isptar Mater Dei u ha l-verzjoni ta' Judy Camilleri.

L-Ispettur Josric Mifsud ha l-verzjoni tal-*parte civile* permezz tat-*telephone*.

**<u>Xhieda</u>**

F'dan il-process xehdu hmistax (15)-il xhud kif gej:

***<u>Fil-31 ta' Jannar 2012</u>***

Patrick Pollacco *(a* fol. *14 et seq.),* Judy Camilleri *(a* fol. *22 et seq.),* PS342 Johan Said *(a* fol. *30 et seq.),* PC883 Paul Azzopardi *(a* fol. *36 et seq.),* Agnes Edwards *(a* fol. *38 et seq.).*

***<u>Fl-14 ta' Marzu 2012</u>***

PS65 Noel Said *(a* fol. *47 et seq.).*

***<u>Fil-25 ta' April 2012</u>***

Dr. Michael Spiteri M.D. *(a* fol. *57 et seq.),* Dr. Kurt Carabott *(a* fol. *60 et seq.),* Mary Grace Mifsud *(a* fol. *63 et seq.)*

***<u>Fis-16 ta' April 2013</u>***

L-Ispettur Josric Mifsud *(a* fol. *83 et seq.)*

***<u>Fit-22 ta' Mejju 2013</u>***

Mr. Ray Gatt *(a* fol. *90 et seq.)*

***Fil-25 ta' Frar 2014***

PS342 Johan Said *(a* fol. *99 et seq.)*

***Fit-18 ta' Novembru 2014***

L-Ispettur Josric Mifsud *(a* fol. *109 et seq.)*

***Fis-27 ta' Jannar 2016***

L-imputat Adam Daniel Debrincat *(a* fol. *120 et seq.)*

***Fis-7 ta' April 2016***

Joseph Grima *(a* fol. *139 et seq.)*

**Oneru tal-ahjar prova**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all*

*circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil min jaghti affidament miz-zewg verzjonijiet u dan meta fil-process la hawn skizz dwar l-incident, la ritratti ta' dakinhar, la pjanta tal-post u lanqas xhieda indipendenti li setghu raw l-incident isehh. Il-pulizija hadu r-rapport bit-*telephone* u strahu fuq dan biex hargu l-akkuza kontra l-imputat. Bir-rispett kollu, dan mhux accettabbli ghal din il-Qorti u l-Ispettur kellu jkellem lill-*parte civile* wicc imb'wicc u mhux permezz tat-*telephone*.

II-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu din ghandha tigi pruvata oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence, 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi biex jissussisti r-reat li l-imputat jinsab akkuzat bih hemm bzonn:

*li tirrikorri* ***kondotta volontarja negligenti*** *konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet* ***li tkun segwita b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju***[1]*. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta'*

[1] Sottolinear ta'din il-Qorti.

*intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*[2].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

*Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

"*Sorgono per tal modo,*" *ikompli dan l-awtur,* "*delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo*

---

[2] Ref **Pulizija vs Louis Portelli** Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti mfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*…. Jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-*

*virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[3]

Illi f'sentenza ohra taghha[4], il-Qorti tal-Appell Kriminali regghet ghamlet ezami approfondit tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza Il-**Pulizija vs Louis Portelli**[5] kompliet hekk:

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' diretta ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi ...*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata*

---

[3] Ref **Pulizija vs Richard Grech** deciza 21.03.1996.

[4] Il-**Pulizija vs Saverina sive Rini Borg** deciza 31.07.1998.

[5] Op cit.

*u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta'hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*

*Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa' essenzjali taht kull forma ta' kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta' imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta' reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba n-nuqqas ta' osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali.*

**Ikkunsidrat**

Illi stabbilit dan, il-Qorti issa trid tghaddi biex tara jekk, a bazi tal-provi prodotti, tirrizultax, "kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwita b'ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju"; fil-kaz in ezami ness bejn il-kondotta volontarja tal-imputat u l-griehi gravi ta' Judy

Camilleri, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax l-imputat jinstab hati ta' dak ir-reat.

Dak li jridu jippruvaw il-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* huwa n-nuqqas li seta' gie kommess da parti tal-imputat u dan fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu.

Irid jigi pruvat ukoll illi gew sofferti feriti ta' natura gravi mill-istess *parte civile*.

Il-Qorti tirrileva li anke jekk *addirittura* l-prosekuzzjoni f'kawza tressaq prova permezz ta' tabib li l-griehi huma klassifikati bhala gravi, xorta wahda l-konkluzjoni ahharija dwar in-natura jew klassifikazzjoni tal-griehi sofferti minn xi persuna, ghal skopjijiet kriminali, tispetta lill-gudikant u mhux lit-tobba li jkunu ezaminaw lill-persuna koncernata, b'mod li l-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni differenti minn dik tat-tobba b'hekk jispetta lill-Qorti sabiex tiggudika u tasal ghall-konkluzjoni dwar in-natura tal-griehi allegatament sofferti.

Illi dan il-principju gie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Francis Dingli**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, fejn il-Qorti qalet hekk :-

> *'….ghall-finijiet tal-artikolu 216, jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant…..u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti'.*

F' din il-kawza :

- Ma tqabbadx espert mediku biex jezamina l-griehi tal-*parte civile*;
- Ma hemm l-ebda prova fl-atti ta' jekk il-ferita hallietx debilita permanenti;

L-uniku certifikat mediku fejn il-griehi sofferti mill-istess *parte civile* gew klassifikati bhala *grevious* huwa dak *a fol.* 85 tal-process, pero dan ic-certifikat la gie kkonfermat bil-gurament mit-tabib li rrilaxxjah u lanqas ma xehed l-istess tabib dwar ghalfejn il-griehi gew klassifikati bhala *grevious*.

Ix-xhud **PS65 Noel Said**[6] jispjega dak li qaltlu l-vittma:

*'Meta kont tkellimt maghha niftakar li kienet qaltli li kienu marru dakinhar, jigifieri qed nghidu fl- 4 ta' Awwissu elfejn u hdax (2011)….'*

*[…]*

*' Naf li kienet qaltli ukoll ghal habta tal-erbgha (4.00 pm) jigifieri haduha din ir-ride, ghal habta tal-erbgha (4.00 pm) spicca l-hin tar-ride u sid id-dghajsa kien ordnalhom biex jinzlu mid-dghajsa. Kienu nizlu mid-dghajsa kemm hi u kemm it-tlett ihbieb taghha jigifieri u f'hin minnhom kienet qaltli din Judie Camilleri li hasset xi haga ma saqajha pero kienet qisha ma tatx kas. Kienet ziedet tghid ukoll li sid id-dghajsa kien gibdilha l-attenzjoni li aktarx laqtet saqajha mal-iskrun. Qalet ukoll li kif refghet saqajha minn gol-ilma rat id-demm, rat li qieghda tibblidja u kienet ghomot sax-xatt. Ziedet tghid ukoll li sid id-dghajsa kien offrielhom li jwassalhom pero fil-fixla tal-mument naf li kienet ghomot sax-xatt.'*

Mistoqsi mill-*parte civile* jekk Judy Camilleri ddeskrivietx xi manuvra li setghet saret mill-istess imputat, l-istess surgent jghid li l-*parte civile* ma ddeskrivietlux xi manuvra.

L-ispettur **Josric Mifsud**[7] li tkellem mal-vittma bit-*telephone* xehed li l-*parte civile* qalet li l-imputat *'gieghlhom jinzlu minn fuq id-dghajsa malajr malajr, fis-sens illi anke fuq il-parti ta' wara, hi kienet fil-parti ta' wara u gielghhom jaqbzu ghal gol-ilma fuq wara.'*

[6] Seduta tal- 14 ta' Marzu 2012
[7] Seduti tas-16 ta' April 2013 u 18 ta' Novembru 2014

Il-*parte civile* **Judy Camilleri**[8] xehdet li l-imputat *'is-sofa gibdu l-gewwa, rabat mad-dghajsa tieghu stess u qalilna biex naqbzu. Ahna bdejna naqdfu ghal-lanca taghna u hassejt bhal ilma jdur mieghi u xi haga tinnokkja.'* Il-*parte civile* ma tatx dettalji tad-data u l-hin tal- incident.

F'dawn il-proceduri xehed **Mr Ray Gatt**[9] fejn irrizulta li l-*parte civile* ma kellhiex ksur, ma klassifikax il-griehi ta' liema natura kienu u li kien ppreskrivhiela *anti inflammatories*. Huwa xehed:

*'Le, in-natura ta' tal-ferita kienet eh soft tissue, jigifieri din carrtet ligament u l-gilda ovvjament, per se mhijiex ta' natura gravi. Ksur ma kellhiex, ghandi l-x-rays hawnhekk. Nassumi giet ghandi f'dik id-data minhabba l-ghaksa ma nistax nahlef li dak kien minnu. U jekk giet minhabba l-ghaksa probabbli ghax kienet baqghet migughha.'*

Il-*parte civile* giet *discharged* jumejn wara l-incident u kellha appuntament iehor fl-*outpatients* ghal 24 ta' Awwissu 2011.

Xehed **Dottor Kurt Carabott**[10] li kien it-tabib li jahdem fl-Ortopedija. Ix-xhud ma kienx jaf kif kienu klassifikati l-griehi tal-*parte civile* u meta mistoqsi fuq il-ferita qal li : *'Ma tantx naf fuqha biex inkun onest.'*

**Argumenti tad-difiza**

Fis-sottomissjonijiet bil-kitba d-difiza rreferiet ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs Jonathan Grech** deciza fl-10 ta' Marzu 2016, fejn isostnu li c-cirkustanzi ta' dan il-kaz huma ferm differenti mill-kaz li gie deciz.

[8] Seduta tal-31 ta' Jannar 2012
[9] Seduta tat- 22 ta' Mejju 2013
[10] Seduta tal- 25 ta' April 2012

F'dan il-kaz l-imputat bl-ebda mod ma naqas volontarjament mill-obbligi li titlob minnu l-ligi u dana peress li mhux biss kellu *observer* mieghu talli kellu diversi *safety precautions* bhal per ezempju l-is*tickers*, is-*safety jackets*, kif ukoll il-*kill switch*.

L-imputat f'dan il-kaz ma kellu l-ebda kontroll fuq il-fatt illi l-*parte civile* ghal ragunijiet taghha ddecidiet bid-differenza ta' shabha li tmur tghum fuq in-naha ta' wara tad-dghajsa.

Minn naha tal-imputat ma kien hemm l-ebda nuqqas, anzi bhalma ghamel f'cirkustanzi ohra fejn kien ta' ghajnuna meta sehhew tragedji fil-bahar, huwa offra li jcempel il-*helicopter* jew l-ambulanza, liema ghajnuna giet rifjutata.

Apparti hekk f'dan il-kaz bl-ebda mod ma giet pruvata l-ferita gravi li hija parti essenzjali sabiex tirnexxi din l-akkuza.

Il-kawza fl-ismijiet **Il Pulizija vs Lawrence Micallef** deciza fit- 13 ta' Jannar 2009 mill-Magistrat Lawrence Quintano tittratta mertu simili ghal dak odjern u gie konkluz is-segwenti :

*' Il-Qorti rravizat ukoll xi ftit tal-konflitt fix-xhieda dwar il-maskla ghaliex fl-stqarrija l-imputat jghid li l-vittma nehha l-maskla u waddabha fil-bahar waqt li kemm l-istess imputat, waqt li kien qed jixhed , kif ukoll Christopher Brimmer xehdu li san kienet ghadha f'wicc il-vittma tant li l-imputat qal ' Nehhejnihielu'*

*Meta kkonsidrat dawn id-dettaji kollha, il-Qorti baqaghlha dak il-lurking doubt jekk l-imputat kienx traskurat waqt li kien diehel bid-dghajsa fil-bajja ta' San Gorg.*

*Minhabba li d-dubbju ghandu jmur favur l-imputat, il-Qorti wara li rat l-artikolu 226 (1)(a)(b) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.'*

Il-Qorti wara li evalwat ix-xhieda kollha u d-dokumenti esebiti tiddikjara li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-imputat b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Judy Camilleri.

**Decide:**

Ghaldqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif indikat mill-Prosekuzzjoni fl-imputazzjoni taghha, tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat Adam Daniel Debrincat hati u tilliberah minn din l-akkuza.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**